# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1179

## tad-19 ta' Lulju 2016

## li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fiha żewġ listi tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' sustanzi perikolużi. It-Tabella 3.1 telenka l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' sustanzi perikolużi abbażi tal-kriterji stipulati fil-Partijiet 2 sa 5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. It-Tabella 3.2 telenka l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' sustanzi perikolużi bbażati fuq il-kriterji stipulati fl-Anness VI tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ([2]).

(2) Minħabba li d-Direttiva 67/548/KEE tħassret b'effett mill-1 ta' Ġunju 2015, it-Tabella 3.2. fil-Parti 3 tal-Anness VI għandha titħassar. Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn l-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, dak it-tħassir m'għandux jidħol fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju 2017.

(3) Tressqu proposti għall-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ġodda, aġġornati jew imħassra ta' ċerti sustanzi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Abbażi tal-opinjonijiet dwar dawk il-proposti maħruġa mill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tal-ECHA (RAC), u abbażi tal-kummenti li waslu mingħand il-partijiet konċernati, jixraq li jiġu introdotti, aġġornati jew imħassra l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi.

(4) Fir-rigward tas-sustanza taċ-ċomb, fl-opinjoni xjentifika tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2013, il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji jipproponi li din tiġi kklassifikata bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni kategorija 1 A. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' ċertezza rigward il-bijodisponibbiltà taċ-ċomb fil-forma massiva tiegħu, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-forma massiva (b'daqs ta' partiċelli ikbar minn 1 mm, jew ta' 1 mm) u l-forma f'għamla ta' trab (b'daqs ta' partiċelli iżgħar minn 1 mm). Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku (SCL) ta' ≥ 0,03 % għall-forma f'għamla ta' trab, u limitu ta' konċentrazzjoni ġeneriku (GCL) ta' ≥ 0,3 % għall-forma massiva.

(5) Fir-rigward tas-sustanzi tar-ram, il-klassifikazzjoni ambjentali rakkomandata fl-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tal-4 ta' Diċembru 2014 għandha tiġi inkluża fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 billi hemm biżżejjed evidenza xjentifika disponibbli li tiġġustifika din il-klassifikazzjoni ġdida. Madankollu, il-fatturi-M proposti għall-periklu fit-tul għall-ambjenti akkwatiċi m'għandhomx jiġu inklużi minħabba li dawn jeħtieġu valutazzjoni ulterjuri mill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji fid-dawl ta' dejta xjentifika dwar it-tossiċità akkwatika ppreżentata mill-industrija wara li l-opinjoni tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji ntbagħtet lill-Kummissjoni.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-konformità mal-klassifikazzjonijiet armonizzati l-ġodda ma għandhiex tkun meħtieġa minnufih, billi jenħtieġ ċertu perjodu ta' żmien biex il-fornituri jkunu jistgħu jadattaw it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet għall-klassifikazzjonijiet il-ġodda u biex ibigħu l-ħażniet eżistenti. Dan il-perjodu ta' żmien se jkun neċessarju wkoll sabiex il-fornituri jadattaw għal obbligi leġiżlattivi oħra li jirriżultaw mill-klassifikazzjonijiet armonizzati

([1]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1).

l-ġodda għas-sustanzi u biex jikkonformaw magħhom, bħal dawk stipulati fl-Artikolu 22(f) jew fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), dawk stipulati fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew dawk tal-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(8) Skont id-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jippermettu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda fi stadju aktar bikri fuq bażi volontarja, il-fornituri għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw il-klassifikazzjonijiet armonizzati l-ġodda u li jadattaw it-tikkettar u l-imballaġġ skont dan fuq bażi volontarja qabel l-iskadenza għall-konformità.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness VI huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) It-Tabella 3.2 tal-Anness VI titħassar.

*Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2018.

L-Artikolu 1(2) jibda japplika mill-1 ta' Ġunju 2017.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, qabel l-1 ta' Marzu 2018, is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu jiġu klassifikati, tikkettati u imballaġġati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat b'dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

*ANNESS*

It-Tabella 3.1 tal-Parti 3 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrati li jikkorrispondu għan-numri tal-indiċi 607-331-00-5 u 609-066-00-0 huma mħassra;

(b) l-entrati li jikkorrispondu għan-numri tal-indiċi 006-035-00-8, 029-002-00-X, 602-020-00-0, 602-033-00-1, 603-055-00-4, 604-030-00-0, 604-092-00-9, 605-013-00-0, 605-022-00-X, 606-014-00-9, 606-021-00-7, 607-056-00-0, 607-059-00-7, 607-157-00-X, 607-172-00-1, 607-375-00-5, 607-623-00-2, 613-166-00-X, 613-121-00-4, 616-011-00-4, 616-037-00-6 u 616-207-00-X huma sostitwiti rispettivament bl-entrati li ġejjin:

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "006-035-00-8 | pirimikarb (ISO); 2-(dimetilammino)-5,6-dimetilpirimidin-4-il dimetilkarbamat | 245-430-1 | 23103-98-2 | Carc. 2<br>Acute Tox. 3<br>Acute Tox. 3<br>Skin Sens. 1<br>Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1 | H351<br>H331<br>H301<br>H317<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H351<br>H331<br>H301<br>H317<br>H410 | | M = 10<br>M = 100" | |
| "029-002-00-X | ossidu tad-diram;<br>ossidu (I) tar-ram | 215-270-7 | 1317-39-1 | Acute Tox. 4<br>Acute Tox. 4<br>Eye Dam. 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H332<br>H302<br>H318<br>H400<br>H410 | GHS07<br>GHS05<br>GHS09<br>Dgr | H332<br>H302<br>H318<br>H410 | | M = 100" | |
| "602-020-00-0 | 1,2-dikloropropan;<br>diklorur tal-propilen | 201-152-2 | 78-87-5 | Flam. Liq. 2<br>Carc. 1B<br>Acute Tox. 4*<br>Acute Tox. 4* | H225<br>H350<br>H332<br>H302 | GHS02<br>GHS08<br>GHS07<br>Dgr | H225<br>H350<br>H332<br>H302" | | | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "602-033-00-1 | klorobenżen | 203-628-5 | 108-90-7 | Flam. Liq. 3<br>Acute Tox. 4<br>Skin Irrit. 2<br>Aquatic Chronic 2 | H226<br>H332<br>H315<br>H411 | GHS02<br>GHS07<br>GHS09<br>Wng | H226<br>H332<br>H315<br>H411" | | | |
| "603-055-00-4 | ossidu tal-propilen;<br>1,2-epossipropan; metilossiran | 200-879-2 | 75-56-9 | Flam. Liq. 1<br>Carc. 1B<br>Muta. 1B<br>Acute Tox. 3<br>Acute Tox. 3<br>Acute Tox. 4<br>STOT SE 3<br>Eye Irrit. 2 | H224<br>H350<br>H340<br>H331<br>H311<br>H302<br>H335<br>H319 | GHS02<br>GHS08<br>GHS06<br>Dgr | H224<br>H350<br>H340<br>H331<br>H311<br>H302<br>H335<br>H319" | | | |
| "604-030-00-0 | bisfenol A;<br>4,4′-isopropilidenedifenol | 201-245-8 | 80-05-7 | Repr. 1B<br>STOT SE 3<br>Eye Dam. 1<br>Skin Sens. 1 | H360F<br>H335<br>H318<br>H317 | GHS08<br>GHS05<br>GHS07<br>Dgr | H360F<br>H335<br>H318<br>H317" | | | |
| "604-092-00-9 | fenol, dodeċil-, ramifikat; [1]<br>fenol, 2-dodeċil-, ramifikat; [2]<br>fenol, 3-dodeċil-, ramifikat; [3]<br>fenol, 4-dodeċil-, ramifikat; [4]<br>fenol, (tetrapropenil) derivattivi [5] | 310-154-3 [1]<br>[2]<br>[3]<br>[4]<br>[5] | 121158-58-5 [1]<br>[2]<br>[3]<br>210555-94-5 [4]<br>74499-35-7 [5] | Repr. 1B<br>Skin Corr. 1C<br>Eye Dam. 1<br>Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1 | H360F<br>H314<br>H318<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS05<br>GHS09<br>Dgr | H360F<br>H314<br>H410 | | M = 10<br>M = 10" | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "605-013-00-0 | kloralożju (INN);<br>(R)-1,2-O-(2,2,2-trikloroetiliden)-α-D-glukofuranożju; glukokloralożju; anidroglukokloral | 240-016-7 | 15879-93-3 | Acute Tox. 4*<br>Acute Tox. 3<br>STOT SE 3<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H332<br>H301<br>H336<br>H400<br>H410 | GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H332<br>H301<br>H336<br>H410 | | M = 10<br>M = 10 | C" |
| "605-022-00-X | glutaral; glutaraldeid;<br>1,5-pentanedial | 203-856-5 | 111-30-8 | Acute Tox. 2<br>Acute Tox. 3<br>STOT SE 3<br>Skin Corr. 1B<br>Resp. Sens. 1<br>Skin Sens. 1 A<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 2 | H330<br>H301<br>H335<br>H314<br>H334<br>H317<br>H400<br>H411 | GHS06<br>GHS05<br>GHS08<br>GHS09<br>Dgr | H330<br>H301<br>H335<br>H314<br>H334<br>H317<br>H410 | EUH071 | STOT SE 3; H335: 0,5 % ≤ C < 5 %<br>M = 1" | |
| "606-014-00-9 | klorofaċinon (ISO);<br>2-[(4-klorofenil)(fenil)aċetil]-1H-inden-1,3-(2H)-dion | 223-003-0 | 3691-35-8 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>STOT RE 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | | Repr. 1B; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,1 %<br>STOT RE 2; H373 (demm):<br>0,01 % ≤ C < 0,1 %<br>M = 1<br>M = 1" | |
| "606-021-00-7 | N-Metil-2-pirrolidone; 1-Metil-2-pirrolidone | 212-828-1 | 872-50-4 | Repr. 1B<br>STOT SE 3<br>Skin Irrit. 2<br>Eye Irrit. 2 | H360D***<br>H335<br>H315<br>H319 | GHS08<br>GHS07<br>Dgr | H360D***<br>H335<br>H315<br>H319 | | STOT SE 3; H335:<br>C ≥ 10 %" | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "607-056-00-0 | warfarina (ISO);<br>4-idrossi-3-(3-okso-1-fenilbutil)-2H-kromen-2-on; [1]<br>(S)-4-idrossi-3-(3-okso-1-fenilbutil)-2-benżopiron; [2]<br>(R)-4-idrossi-3-(3-okso-1-fenilbutil)-2-benżopiron [3] | 201-377-6 [1]<br>226-907-3 [2]<br>226-908-9 [3] | 81-81-2 [1]<br>5543-57-7 [2]<br>5543-58-8 [3] | Repr. 1 A<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 2<br>STOT RE 1<br>Aquatic Chronic 2 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H411 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H411 | | Repr. 1 A; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,5 %<br>STOT RE 2; H373 (demm): 0,05 % ≤ C < 0,5 %" | |
| "607-059-00-7 | kumatetralil (ISO); 4-idrossi-3-(1,2,3,4-tetraidro-1-naftil)kumarin | 227-424-0 | 5836-29-3 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 2<br>Acute Tox. 3<br>Acute Tox. 2<br>STOT RE 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H311<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H311<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | | Repr. 1B; H360D: C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 1,0 %<br>STOT RE 2; H373 (demm) 0,1 % ≤ C < 1,0 %<br>M = 10" | |
| "607-157-00-X | difenakum (ISO); 3-(3-bifenil-4-il-1,2,3,4-tetraidro-1-naftil)-4-idrossikumarin | 259-978-4 | 56073-07-5 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>STOT RE 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | | Repr. 1B; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,02 % STOT RE 2; H373 (demm):<br>0,002 % ≤ C < 0,02 %<br>M = 10<br>M = 10" | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "607-172-00-1 | brodifakum (ISO);<br>4-idrossi-3-(3-(4′-bromo-4-bifenilil)-1,2,3,4-tetraidro-1-naftil)kumarin | 259-980-5 | 56073-10-0 | Repr. 1 A<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>STOT RE 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | | Repr. 1 A; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,02 % STOT RE 2; H373 (demm):<br>0,002 % ≤ C < 0,02 %<br>M = 10<br>M = 10" | |
| "607-375-00-5 | flokumafen (ISO);<br>massa ta' reazzjoni ta': cis-4-idrossi-3-(1,2,3,4-tetraidro-3-(4-(4-trifluworometilbenżilossi)fenil)-1-naftil)kumarin u trans-4-idrossi-3-(1,2,3,4-tetraidro-3-(4-(4-trifluworometilbenżilossi)fenil)-1-naftil)kumarin | 421-960-0 | 90035-08-8 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>STOT RE 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | | Repr. 1B; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,05 %<br>STOT RE 2; H373 (demm):<br>0,005 % ≤ C < 0,05 %<br>M = 10<br>M = 10" | |
| "607-623-00-2 | ftalat tad-diisobutil | 201-553-2 | 84-69-5 | Repr. 1B | H360Df | GHS08<br>Dgr | H360Df" | | | |
| "613-166-00-X | flumjoksażina (ISO);<br>2-[7-fluworo-3-okso-4-(prop-2-in-1-il)-3,4-diidro-2H-1,4-benżoksażina-6-il]-4,5,6,7-tetraidro-1H-isoindol-1,3-(2H)-dion | — | 103361-09-7 | Repr. 1B<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H410 | | M = 1 000<br>M = 1 000" | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "613-121-00-4 | klorsulfuron (ISO); 2-kloro-N-[[(4-metossi-6-metil-1,3,5-triażin-2- il) amino]karbonil]benżen-sulfonammid | 265-268-5 | 64902-72-3 | Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H400<br>H410 | GHS09<br>Wng | H410 | | M = 1 000<br>M = 100" | |
| "616-011-00-4 | N,N-dimetilaċetammid | 204-826-4 | 127-19-5 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 4*<br>Acute Tox. 4* | H360D***<br>H332<br>H312 | GHS08<br>GHS07<br>Dgr | H360D***<br>H332<br>H312" | | | |
| "616-037-00-6 | aċetoklor (ISO); 2-kloro-N-(etossimetil)-N-(2-etil-6-metilfenl)aċe-tammid | 251-899-3 | 34256-82-1 | Carc. 2<br>Repr. 2<br>Acute Tox. 4<br>STOT SE 3<br>STOT RE 2<br>Skin Irrit. 2<br>Skin Sens. 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H351<br>H361f<br>H332<br>H335<br>H373 (kliewi)<br>H315<br>H317<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS07<br>GHS09<br>Wng | H351<br>H361f<br>H332<br>H335<br>H373 (kliewi)<br>H315<br>H317<br>H410 | | M = 1 000<br>M = 100" | |
| "616-207-00-X | polieżametilen kloridrat tal-bigwanid;<br>PHMB | — | 32289-58-0<br>27083-27-8 | Carc. 2<br>Acute Tox. 2<br>Acute Tox. 4<br>STOT RE 1<br>Eye Dam. 1<br>Skin Sens. 1B<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H351<br>H330<br>H302<br>H372 (is-sistema res-piratorja) (nifs 'il ġewwa)<br>H318<br>H317<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS05<br>GHS09<br>Dgr | H351<br>H330<br>H302<br>H372 (is-sistema res-piratorja) (nifs 'il ġewwa)<br>H318<br>H317<br>H410 | | M = 10<br>M = 10" | |

(c) L-entrati li ġejjin jiddaħħlu skont l-ordni tan-numri tal-indiċi:

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "005-020-00-3 | oktaborat tad-disodju anidru; [1]<br>oktaborat tad-disodju tetraidrat [2] | 234-541-0 [1]<br>234-541-0 [2] | 12008-41-2 [1]<br>12280-03-4 [2] | Repr. 1B | H360FD | GHS08<br>Dgr | H360FD" | | | |
| "014-046-00-4 | fibri tal-ħġieġ-E ta' kompożizzjoni rappreżentattiva; [Fibri magmulin mis-Silikat tal-Kalċju-Aluminju b'orjentazzjoni aleatorja bil-kompożizzjoni rappreżentattiva li ġejja (% mogħti skont il-piż): $SiO_2$ 50,0-56,0 %, $Al_2O_3$ 13,0-16,0 %, $B_2O_3$ 5,8-10,0 %, $Na_2O$ < 0,6 %, $K_2O$ < 0,4 %, CaO 15,0-24,0 %, MgO < 5,5 %, $Fe_2O_3$ < 0,5 %, $F_2$ < 1,0 %. Proċess: normalment prodotti permezz ta' attenwazzjoni ta' fjamma u proċess rotatorju. (Jista' jkun hemm il-preżenza, f'livelli baxxi, ta' elementi individwali addizzjonali; il-lista tal-proċess ma tipprekludix l-innovazzjoni).] | — | — | Carc. 1B | H350i | GHS08<br>Dgr | H350i | | | A" |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "014-047-00-X | fibri tal-ħġieġ ta' kompożizzjoni rappreżentattiva; [Fibri magmulin mis-silikat tal-kalċju-aluminju b'orjentazzjoni aleatorja bil-kompożizzjoni li ġejja (% mogħti skont il-piż): $SiO_2$ 55,0-60,0 %, $Al_2O_3$ 4,0-7,0 %, $B_2O_3$ 8,0-11,0 %, $ZrO_2$ 0,0-4,0 %, $Na_2O$ 9,5-13,5 %, $K_2O$ 0,0-4,0 %, CaO 1,0-5,0 %, MgO 0,0-2,0 %, $Fe_2O_3$ < 0,2 %, ZnO 2,0-5,0 %, BaO 3,0-6,0 %, $F_2$ < 1,0 %. Proċess: normalment prodotti permezz ta' attenwazzjoni ta' fjamma u proċess rotatorju. (Jista' jkun hemm il-preżenza, f'livelli baxxi, ta' elementi individwali addizzjonali; il-lista tal-proċess ma tipprekludix l-innovazzjoni).] | — | — | Carc. 2 | H351 (nifs 'il ġewwa) | GHS08<br>Wng | H351 (nifs 'il ġewwa) | | | A" |
| "029-015-00-0 | tijoċjanat tar-ram | 214-183-1 | 1111-67-7 | Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1 | H400<br>H410 | GHS09<br>Wng | H410 | EUH032 | M = 10" | |
| "029-016-00-6 | ossidu tar-ram(II) | 215-269-1 | 1317-38-0 | Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H400<br>H410 | GHS09<br>Wng | H410 | | M = 100" | |
| "029-017-00-1 | diklorur tar-ram triidrossidu | 215-572-9 | 1332-65-6 | Acute Tox. 4<br>Acute Tox. 3<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H332<br>H301<br>H400<br>H410 | GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H332<br>H301<br>H410 | | M = 10" | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "029-018-00-7 | eżaidrossisolfat tat-tetraram; [1]<br>idrat tal-eżaidrossisolfat tat-tetraram [2] | 215-582-3 [1]<br>215-582-3 [2] | 1333-22-8 [1]<br>12527-76-3 [2] | Acute Tox. 4<br>Aquatic Acute 1 Aquatic Chronic 1 | H302<br>H400<br>H410 | GHS07<br>GHS09<br>Wng | H302<br>H410 | | M = 10" | |
| "029-019-01-X | laqx tar-ram (miksi b'aċidu alifatiku) | — | — | Acute Tox. 3<br>Acute Tox. 4<br>Eye Irrit. 2<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H331<br>H302<br>H319<br>H400<br>H410 | GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H331<br>H302<br>H319<br>H410 | | M = 10" | |
| "029-020-00-8 | karbonat tar-ram(II)–idrossidu tar-ram(II) (1:1) | 235-113-6 | 12069-69-1 | Acute Tox. 4<br>Acute Tox. 4<br>Eye Irrit. 2<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H332<br>H302<br>H319<br>H400<br>H410 | GHS07<br>GHS09<br>Wng | H332<br>H302<br>H319<br>H410 | | M = 10" | |
| "029-021-00-3 | diidrossidu tar-ram;<br>idrossidu tar-ram(II) | 243-815-9 | 20427-59-2 | Acute Tox. 2<br>Acute Tox. 4<br>Eye Dam. 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H330<br>H302<br>H318<br>H400<br>H410 | GHS06<br>GHS05<br>GHS09<br>Dgr | H330<br>H302<br>H318<br>H410 | | M = 10" | |
| "029-022-00-9 | preparat bordeaux;<br>prodotti tar-reazzjoni tas-sulfat tar-ram mad-diidrossidu tal-kalċju | — | 8011-63-0 | Acute Tox. 4<br>Eye Dam. 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H332<br>H318<br>H400<br>H410 | GHS07<br>GHS05<br>GHS09<br>Dgr | H332<br>H318<br>H410 | | M = 10" | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "029-023-00-4 | sulfat tar-ram pentaidrat | 231-847-6 | 7758-99-8 | Acute Tox. 4<br>Eye Dam. 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H302<br>H318<br>H400<br>H410 | GHS07<br>GHS05<br>GHS09<br>Dgr | H302<br>H318<br>H410 | | M = 10" | |
| "082-013-00-1 | trab taċ-ċomb;<br>[dijametru tal-partiċelli < 1 mm] | 231-100-4 | 7439-92-1 | Repr. 1 A<br>Lact. | H360FD<br>H362 | GHS08<br>Dgr | H360FD<br>H362 | | Repr. 1 A; H360D: C ≥ 0,03 %" | |
| "082-014-00-7 | ċomb fil-forma massiva:<br>[dijametru tal-partiċelli ≥ 1 mm] | 231-100-4 | 7439-92-1 | Repr. 1 A<br>Lact. | H360FD<br>H362 | GHS08<br>Dgr | H360FD<br>H362" | | | |
| "605-040-00-8 | idrossisoeżil 3-ċikloeżen karboksaldeid (INCI); massa ta' reazzjoni ta' 4-(4-idrossi-4-metilpentil)ċikloeż-3-en-1-karbaldeid u 3-(4-idrossi-4-metilpentil)ċikloeż-3-en-1-karbaldeid; [1]<br>4-(4-idrossi-4-metilpentil)ċikloeż-3-en-1-karbaldeid; [2]<br>3-(4-idrossi-4-metilpentil)ċikloeż-3-en-1-karbaldeid [3] | - [1]<br>250-863-4 [2]<br>257-187-9 [3] | 130066-44-3 [1]<br>31906-04-4 [2]<br>51414-25-6 [3] | Skin Sens. 1 A | H317 | GHS07<br>Wng | H317" | | | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "607-716-00-8 | bromadijolon (ISO); 3-[3-(4′-bromobifenil-4-il)-3-idrossi-1-fenilpropil]-4-idrossi-2*H*-kromen-2-on | 249-205-9 | 28772-56-7 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>STOT RE 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | | Repr. 1B; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,005 % STOT RE 2; H373 (demm):<br>0,0005 % ≤ C < 0,005 %<br>M = 1<br>M = 1" | |
| "607-717-00-3 | difetijalon (ISO);<br>3-[3-(4′-bromobifenil-4-il)-1,2,3,4-tetraidronaftalen-1-il]-4-idrossi-2*H*-1-benżotijopiran-2-on | — | 104653-34-1 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>Acute Tox. 1<br>STOT RE 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H330<br>H310<br>H300<br>H372 (demm)<br>H410 | EUH070 | Repr. 1B; H360D:<br>C ≥ 0,003 %<br>STOT RE 1; H372 (demm): C ≥ 0,02 % STOT RE 2; H373 (demm):<br>0,002 % ≤ C < 0,02 %<br>M = 100<br>M = 100" | |
| "607-718-00-9 | aċidu perfluworononan-1-ojku [1] u l-imluħa tiegħu tas-sodju [2] u tal-ammonju [3] | 206-801-3 [1]<br>[2]<br>[3] | 375-95-1 [1]<br>21049-39-8 [2]<br>4149-60-4 [3] | Carc. 2<br>Repr. 1B<br>Lact.<br>Acute Tox. 4<br>Acute Tox. 4<br>STOT RE 1<br>Eye Dam. 1 | H351<br>H360Df<br>H362<br>H332<br>H302<br>H372 (fwied, timus, milsa)<br>H318 | GSH08<br>GSH07<br>GHS05<br>Dgr | H351<br>H360Df<br>H362<br>H332<br>H302<br>H372 (fwied, timus, milsa)<br>H318" | | | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "607-719-00-4 | ftalat tad-diċikloeżil | 201-545-9 | 84-61-7 | Repr. 1B<br>Skin Sens. 1 | H360D<br>H317 | GHS08<br>GHS07<br>Dgr | H360D<br>H317" | | | |
| "608-067-00-3 | 3,7-dimetilokta-2,6-dienenitril | 225-918-0 | 5146-66-7 | Muta. 1B | H340 | GHS08<br>Dgr | H340" | | | |
| "612-288-00-0 | bupirimat (ISO);<br>5-butil-2-etilammino-6-metilpirimidin-4-il dimetilsulfamat | 255-391-2 | 41483-43-6 | Carc. 2<br>Skin Sens. 1B<br>Aquatic Chronic 1 | H351<br>H317<br>H410 | GHS08<br>GHS07<br>GHS09<br>Wng | H351<br>H317<br>H410 | | M = 1" | |
| "612-289-00-6 | triflumiżol (ISO);<br>(1*E*)-*N*-[4-kloro-2-(trifluworometil)fenil]-1-(1*H*-imidażol-1-il)-2-propoksietanimina | — | 68694-11-1 | Repr. 1B<br>Acute Tox. 4<br>STOT RE 2<br>Skin Sens. 1<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H360D<br>H302<br>H373 (fwied)<br>H317<br>H400<br>H410 | GHS08<br>GHS07<br>GHS09<br>Dgr | H360D<br>H302<br>H373 (fwied)<br>H317<br>H410 | | M = 1<br>M = 1" | |
| "616-218-00-X | benżovindiflupir (ISO); *N*-[9-(diklorometilen)-1,2,3,4-tetraidro-1,4-metanonaftalen-5-il]-3-(difluworometil)-1-metil-1*H*-pirażol-4-karboksammid | — | 1072957-71-1 | Acute Tox. 3<br>Acute Tox. 3<br>Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H331<br>H301<br>H400<br>H410 | GHS06<br>GHS09<br>Dgr | H331<br>H301<br>H410 | | M = 100<br>M = 100" | |
| "616-219-00-5 | fluwopiram (ISO); *N*-{2-[3-kloro-5-(trifluworometil)piridin-2-il]etil}-2-(trifluworometil)benżammid | — | 658066-35-4 | Aquatic Chronic 2 | H411 | GHS09 | H411" | | | |

| Numru tal-Indiċi | Identifikazzjoni Kimika Internazzjonali | Numru KE | Nru CAS | Klassifikazzjoni | | Tikkettar | | | Limiti ta' Konċentrazzjoni Speċifiċi, fatturi-M | Noti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Kodiċi(jiet) ta' Klassi u Kategorija tal-Periklu | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Pittogramma, Kodiċi(jiet) tal-Kliem Sinjal | Kodiċi(jiet) tad-Dikjarazzjonijiet tal-Periklu | Suppliment tal-Kodiċi(jiet) tad-dikjarazzjonijiet tal-Periklu | | |
| "616-220-00-0 | penċikuron (ISO); 1-[(4-klorofenil)metil]-1-ċiklopentil-3-fenilurea | 266-096-3 | 66063-05-6 | Aquatic Acute 1<br>Aquatic Chronic 1 | H400<br>H410 | GHS09<br>Wng | H410 | | M = 1<br>M = 1" | |
| "617-023-00-2 | idroperossidu tal-butil-*tert* | 200-915-7 | 75-91-2 | Muta. 2 | H341 | GHS08<br>Wng | H341" | | | |